**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Frar, 2017

Rikors Guramentat numru : 228/13 AL

A J B
(ID 236372 M)

vs

1. C B (ID 28875 G) f'isimha personali u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri H B
2. Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2014 G T gie kjamat in kawza

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata izzewgu fil-wiehed u ghoxrin ta' Frar tas-sena elf disgha mija wiehed u disghin (21.02.1991); minn liema zwieg twieldu Nigel u Jasmine ahwa B, fis-sitta u ghoxrin ta' April tas-sena elf disgha

mija wiehed u disghin (26.04.1991) u fit-tlieta u ta' Mejju tas-sena elfejn (03.05.2000), rispettivament;

2. Illi r-rikorrenti u l-intimata isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti n-Nutar Patricia Hall, datat sebgha u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (27.12.2004), (Vide Dok 'A', hawn anness);
3. Illi minn relazzjoni li l-intimata kellha ma G T (ID 8945 A); twieled Vincenzo T, f'Napli l-Italja, fit-tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (12.05.2006), (Vide Dok 'B', hawn anness);
4. Illi minn relazzjoni li l-intimata kellha ma G T (ID 8945 A); twieldet H B, fis-sebgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (27.10.2007) u skont ic-certifikat tat-twelid numru progressiv 3621/2007, l-istess minuri H B giet iskritta bhala bint A AJ B u C B, (Vide Dok 'C', hawn anness);
5. Illi l-partijiet ottjenew id-divorzju, permezz ta' sentenza datata hmistax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (15.10.2012), (Vide Dok 'D', hawn anness);
6. Illi l-minuri H B ma hijiex il-wild naturali tar-rikorrenti A AJ B u dan skont ma jirrizulta mir-rapport tad-D.N.A., datat disgha ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (09.05.2013), (Vide Dok 'E', hawn anness);
7. Illi ghaldaqstant hemm lok illi ic-certifikat tat-twelid tal-minuri H B numru progressiv 3621/2007, jigi emendat fis-sena illi l-paternita' ta' l-istess minuri tkun korrettement tirrispekkja u tikkorrispondi mall-fatti, u cioe' illi ir-rikorrenti A AJ B ma huwiex il-missier naturali tal-minuri H B;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja :

1. Tiddikjara illi ir-rikorrenti A AJ B, ma huwiex il-missier naturali tal-minuri H B;
2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri H B numru progressiv 3621/2007, sabiex il-paternita' ta' l-istess minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess Att tat-Twelid; billi fil-kolonna fejn hemm miktubin id-dettalji tal-missier, ossia tar-rikorrenti, l-istess dettalji

jigu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali tal-minuri H B, ossia G T (ID 8945 A);

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol 37)

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri H B, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-**Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal proċediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi in vena preliminari huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li G T jkun imsejjaħ fil-kawża ġaladarba f'din l-istanza qed jingħad mill-attur illi l-minuri H B huma wild ta' l-imsemmi G T;

3. Illi preliminarjament trattasi minn kawża ta' *denegata paternità* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa tal-inqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti. Madankollu attiż in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna l-esponenti jħossu opportun li huwa fl-aħjar interess tal-minuri Wesley u Cleavon aħwa Debono, li din l-Onorabbli Qorti tuża' s-setgħa tagħha taħt l-**Artikolu 70 (3)** billi tistieden lill-

partijiet involuti f'dawn il-proċeduri sabiex joqgħodu għall-eżamijiet u l-analażi meħtieġa biex tiġi stabbilita kull prova ġenetika li jkollha x'taqsam mal-każ;

5. Illi jekk it-talba tar-rikorrent tiġi milqugħa u jiġi ppruvat li l-missier naturali tal-minuri H B huwa l-wild ta' G T, dan ta' l-aħħar permezz ta' nota għandu jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri H B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmiha minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet H B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit H B;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri H B trid tagħżel liema kunjom ħa żżomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti. Tant hu hekk li skond ic-certifikat tat-twelid ta` H B (immarkat **Dok. DRP 1**), kien propju ir-rikorrenti flimkien mal-intimata C Portelli li ghamel id-dikjarazzjoni li kien il-missier tal-minuri u dan minkejja li l-kuntratt ta` separazzjoni huwa datat 27 ta` Dicembru 2004. Fil-fatt kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimata iffirmaw l-att tat-twelid u kkonfermaw li l-informazzjoni li kienet fl-att kienet korretta.

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuta C Ċini debitament notifikata ma ppreżentat ebda risposta ġuramentata f'isimha proprju u f'isem bintha minuri H u għalhekk hija kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[1], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 70, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna.

Rat illi permezz ta' digriet iddatat is-6 ta' Frar 2016, l-attur kiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi, sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna minkejja t-trapass ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri H B.[2] Rat illi in vista ta' dan l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

Rat illi permezz ta' digriet iddatat it-22 ta' Marzu 2014[3], ill-Qorti ordnat illi G T jiġi kkjamat in kawża. Rat illi b'hekk, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet ukoll sorvolata.

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-attur AJ B (K.I.236372M) m'huwiex il-missier naturali tal-minuri H B imwielda lill-konvenuta C B (K.I. 28875(G) nhar is-27 t'Ottubru 2007, u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[4].

---

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Fol. 78
[3] Fol. 48
[4] Rapport esebit fol. 23 u l-affidavit tagħha jinsab ukoll esebit fol. 58

Rat illi minkejja li l-kjamat in kawża, permezz ta' nota ddatata l-14 t'April 2015[5], ikkonferma illi H B m'hijiex il-wild naturali tal-attur, imma l-wild naturali tiegħu, m'hemm l-ebda prova in atti li tikkonferma li H hija effetivament bint naturali tal-kjamat fil-kawża G T. **M'hemm l-ebda rapport xjentifiku u ġenetiku in sostenn ta' dan u lanqas m'hemm xi xiehda ġuramentata min-naħa tal-omm** li tista' titfa' xi dawl fuq il-paternita` tal-istess minuri H.

Għalkemm il-Qorti tirrileva li dak li tista' tgħid l-omm dwar il-paternita` tal-minuri, ma tantx jista' jingħata kredibilita`, stante li din ma ddejqet xejn li tiffirma l-att tat-twelid ta' bintha u tħalli lill-attur jiffirma l-istess att tat-twelid[6] fejn hemm iddikjarat li dan huwa l-missier naturali tal-wild H, meta din kienet taf jew setgħet kellha ħjiel li dan m'huwiex minnu. Minkejja s-separazzjoni legali bejn il-partijiet, l-attur emmen li l-minuri hija bintu, tant li ffirma r-reġistrazzjoni tagħha bħala tali. Ir-riżultati xjentifiċi urew li dak li kien jemmen l-attur m'huwiex minnu. Bl-istess mod, dak li jemmen il-kjamat in kawża li l-minuri hija bintu naturali, jista' jkun fattwalment skorrett.

Ikkunsidrat

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata minn żewġ l-omm ("the husband") għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri H B. L-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri hija reġistrata bħala bintu, din m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu.

Huwa jgħid li kien issepara minn ma' martu l-konvenuta C B fis-27 ta' Diċembru 2004, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Patricia Hall[7]. Sussegwentement huma kisbu d-divorzju permezz ta' digriet ta' din l-istess Qorti ddatat il-15 t'Ottubru 2012[8]. Jallega illi martu kellha relazzjoni intima mal-kjamat in

[5] Fol. 61
[6] Fol. 41
[7] Kopja tal-imsemmi kuntratt tinsab esebita a fol. 5
[8] Kopja legali tal-istess digriet hija esebita a fol. 18

kawża G T, li minnha ġiet imnissla l-minuri H B, u dana wara li martu diġa kellha tarbija oħra mill-istess T li twieldet ġewwa Napli l-Italja u ġiet irreġistrata f'isem l-istess T[9].

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat u minflok jitniżżlu l-konnotati ta' G T.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur m'huwiex il-missier bijoloġiku tal-minuri H B. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' l-ewwel talba attriċi.

Illi, iżda, dwar it-talba tal-attur sabiex jitniżżlu l-konnotati ta' G T fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri H minflok il-konnotati tiegħu, il-Qorti tirrileva li qua żewġ l-omm, l-unika azzjoni spettanti lill-attur hija dik ta' denegata paternita` illi permezz tagħha huwa jċaħħad lill-minuri mill-paternita` tiegħu. M'għandux il-fakolta` li jitlob li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat. Dik l-azzjoni tispetta jew lill-istess missier naturali ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lill-omm ai termini tal-Artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-wild innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti qiegħda hawnhekk issegwi l-insenjament tagħha stess fil-kawża fl-ismijiet <u>Pierre Galea vs. Antoinette Galea et</u>[10].

Illi minkejja li sija l-Qrati, fil-ġurisprudenza tagħna, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti, f'dan il-każ, m'għandhiex il-fakolta` li takkolji din it-talba tal-attur. Fl-ewwel lok, stante li l-attur m'għandux l-interess ġuridiku illi jagħmel l-istess talba. Fit-tieni lok, stante n-nuqqas ta' provi sodisfaċenti li l-kjamat in kawża jista' jkun il-missier tal-istess minuri.

---

[9] Ara ċ-ċertifikattat-twelid ta' Vincenzo Conte imwieled fit-12 ta' Mejju 2006.
[10] Deċiża fi-7 ta' Diċembru 2016 (Rikors Ġuramentat Numru 244/15AL)

Illi fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti m'għandhiex għażla għajr li tiċħad din it-talba tal-attur filwaqt illi tissolleċita lill-omm ossia l-konvenuta C B sabiex tagħmel dak li huwa meħtieġ biex l-identita` tal-missier naturali tkun ikkonfermata, u l-istess ikun rifless fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Illi rigward il-kunjom li għandha tassumi l-minuri, minkejja li d-difensur tal-attur informa lill-Qorti[11] illi l-minuri għandha tassumi l-kunjom T, dan ma jistax iseħħ stante illi sal-lum legalment l-istess T m'għandu l-ebda relazzjoni mat-tifla, anke jekk fattwalment fil-futur ikun ippruvat mod ieħor. Għaldaqstant, il-Qorti, bl-applikazzjoni tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili, qiegħda tordna illi l-minuri H B tibqa' magħrufa bil-kunjom B.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi l-attur A AJ B m'huwiex il-missier naturali ta' H B ;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmija minuri, innumerat tlett'elef sitt mija u wieħed u għoxrin tas-sena elfejn u sebgħa (3621/2007), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-attur u minflok iniżżel "missier mhux magħruf";

3. Tordna illi l-minuri tibqa' magħrufa bil-kunjom B;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta C B.

[11] Ara l-verbali tal-udjenza tat-22 ta' Jannar 2014, fol. 43 u tal-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2016, fol. 84